13 ta' Novembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**John Falzon ne. et. *versus* Frank Ellul Sulivan ne. (*)**

## Noleġġ — Klawsola tal-"Minimum Freight" — Interpretazzjoni — Provi Kontra l-Miktub.

*Fil-każ preżenti l-Qorti nterpretat il-klawsola li kienet inserita fil-kuntratt tan-noleġġ bil-kliem "Charterers guaranteeing a minimum freight of £4000". Ġie ritenut illi dik il-klawsola ma kellhiex tiġi nterpretata fis-sens li l-£4000 kellhom jitħallsu fi kwalunkwe każ, indipendentement min-numru ta' rjus li tgħabbew, imma kellha tiġi nterpretata in konkordanza mal-klawsola relattiva għall-"cargo", li kienet tgħid "minimum 600 heads cattle" fis-sens, ċjoè, illi jekk il-kaptan ma setax, jew ma riedx, jirċievi n-numru kollu ta' 600 ras, u dawn kienu lesti għat-tagħbija, allura kellu jitħallas in-nol korrispondenti għan-numru ta' rjus li effettivament tgħabbew skond ir-rati miftiehma, indipendentement mill-piż li kellhom dawk il-bhejjem li ġew effettivament trasportati.*

*Hu prinċipju indubitat li jekk tista' tkun ammessa konvenzjoni verbali, intervenuta preċedentement għall-kitba, meta tkun inċidentali u aċċessorji biss, ebda konvenzjoni verbali ma hija ammissibili meta tkun inkonċiljabili mal-miktub.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li fih l-atturi ppremettew li per mezz ta' kuntratt ta' noleġġ, firmat fl-4 ta' Novembru 1946 (dok. A), id-ditta konvenuta innoleġġjat il-vapur S.S. Virtù lilhom, biex jiġi trasportat "live cattle" minn Port Sudan għal Malta, bin-nol ta' £7 kull ras f.i.o. għall-ewwel 500 ras, u ta' £5 kull ras f.i.o. oltre l-ewwel 500 ras, u bil-kondizzjoni illi l-"minimum freight" ma kellux ikun anqas minn £4000; illi għalhekk id-ditta konvenuta impliċitament assumiet l-obligu li tgħabbi minimum ta' 600 ras; illi huma nomine kellhom preparati fuq il-bankina f'Port Sudan 600 ras biex jigu mgħobbija fuq l-imsemmi S.S. Virtù biex jigu trasportati Malta; illi l-imsemmi vapur, kuntrarjament għal dak li gie stipulat fil-kuntratt ta' noleġġ fuq imsemmi, għabba biss 483 ras, u rrifjuta li jgħabbi l-kumplament, ċjoè 117-il ras, li għalhekk ġew imħollija fuq il-bankina; illi meta l-S.S. Virtù wasal Malta, id-ditta konvenuta rrifjutat li tikkonsenja lilhom nomine l-483 ras fuq imsemmija, jekk huma nomine ma jħallsux l-ammont kollu tal-"minimum freight", ċjoè £4,000, u għalhekk huma stess nomine kellhom iħallsu taħt protesta lid-ditta konvenuta s-somma fuq imsemmija ta' £4,000 (dok. B); u illi, minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, huma nomine ġew ħallsu s-somma ta' £619 bħala nol ta' 117-il ras li fil-fatt ma ġewx trasportati ħtija tad-ditta konvenuta, u għalhekk mingħajr kawża; u talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, sen-jatament dik li d-ditta konvenuta rrendiet ruħha inadempjenti fil-kuntratt tan-noleġġ ta' l-4 ta' Novembru 1946, relativament għal 117-il ras fuq imsemmija, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut nomine jiġi kundannat jirrestitwixxi lura lilhom nomine s-somma ta' £619 in rifużjoni tan-nol ta' l-imsemmija 117-il ras "live cattle" li ma ġewx trasportati, u li għalhekk ġiet imħallsa mingħajr kawża; salva kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lilhom nomine għad-danni li huma sofrew minħabba l-inadempjenza fuq imsemmija tal-konvenut. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tat-8 ta' Jannar 1947, u bl-imgħax kummerċjali kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis*;

---

(*) Konfermata fl-Appell, 13. 11. '51.

Ikkunsidrat;

Illi l-kontendenti, fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża, issottomettew l-espedjenza li jiġi deċiż, qabel xejn, pont talliġi dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "Charterers, however, guaranteeing a *minimum freight of £4,000*", kontenuti filkuntratt tan-noleġġ fol. 5 ta' l-inkartament;

Id-divarju bejn il-kontendenti huwa dak indikat fin-nota ta' l-istess kontendenti fol. 41. Il-konvenut nomine jsostni li dik il-klawsola għandha tiġi interpretata fis-sens illi l-ammont ta' £4,000 huwa dovut fi kwalunkwe każ, indipendentement minn numru ta' rjus li tgħabbew; u dan għar-raġuni li l-piż approssimativ ta' kull ras ma ġiex fissat. L-atturi nomine, invece, isostnu li l-klawsola tal-"minimum freight" għandha tiġi interpretata in konkordanza mal-klawsola relativa għall-"cargo", li tgħid "minimum 600 heads cattle", fis-sens, ċjoè, illi jekk jirriżulta illi l-vapur ma setax, jew ma riedx jirċievi n-numru kollu ta' 600 ras, u dawk kienu lesti għat-tagħbija, allura għandu jitħallas biss in-nol korrispondenti għan-numru ta' rjus li effettivament tgħabbew skond ir-rati miftehma;

Illi verament id-divarju għandu jkun amplifikat, fis-sens li l-konvenut nomine, apparti li jgħid li l-"minimum freight" hu dovut fi kwalunkwe każ, qiegħed ukoll isostni illi (a) il-klawsola *tat-tagħbija ta' 600 ras ġiet* virtwalment osservata, għaliex, peress li, kif igħid il-konvenut nomine, l-atturi kienu assigurawh li l-piż approssimativ ta' kull ras kellu jkun ta' 250 kilò, mentri fil-fatt kien ta' 365 kilò, għalhekk it-tagħbija ta' 483 ras kienet fil-fatt, bil-kalkolu ta' 250 kilò r-ras, ekwivalenti għal 708 rjus, u (b) li l-kaptan invita lill-atturi nomine biex jgħabbu aktar fit-"tween decks" nri. 2 u 3 u fil-"*fore ends*", iżda l-atturi *rrifjutaw u riedu spazju aktar fuq* il-gverta — haġa li, kif igħid il-konvenut nomine, għal vjaġġ mis-Sudan għal Malta fuq vapur simili kienet tkun ta' dannu u *perikolu għan-navigazzjoni*;

Illi fin-nota tagħhom fuq imsemmija, fol. 41, il-partijiet iddikjaraw li l-provi li għandhom attinenza ma' dan il-pont tal-liġi huma eżawriti;

Illi fuq il-pont ~~(a)~~, minn dawn il-provi l-Qorti *ma hijiex* ta' fehma li kien hemm xi kondizzjoni vinkolanti dwar il-piż tal-barrin, u hu ċert li, anki jekk xi diskors sar, dan kien qabel

l-iskrittura fol. 5. Intant xejn dwar daqshekk ma hemm bil-miktub; anzi hemm il-kliem "Cargo sixhundred heads cattle", bla ebda kwalifika jew aggunta ta' xejn. Hu principju, mhux revokat in dubju, illi jekk tista' tkun ammissibili konvenzjoni verbali precedentement intervenuta, "meta tkun incidentali u accessorja biss", ebda konvenzjoni verbali ma hija ammissibili meta tkun inkonciljabili mal-miktub (Appell "Muscat vs. Fileni", 12. 1. 1917), u fil-każ preżenti konvenzjoni simili ta' l-indikazzjoni tal-piż, pretiża mill-konvenut nomine bhala kondizzjoni vinkolanti u li taffetta n-negozju sostanzjalment, hija inkonciljabili mal-miktub, li jghid "specifikatament" in-numru ta' rjus bla ma jsemmi l-piż, mentri l-konvenut nomine, kif jidher mill-eccezzjonijiet tieghu, b'din il-konvenzjoni verbali, minnu pretiża, irid jasal sal-pont li jbiddel in-numru tar-rjus indikat fil-kuntratt, b'mod, jghid, li dan in-numru ghandu jigi kalkulat mhux in relazzjoni ghar-rjus effettivament karikati, imma in relazzjoni ghan-numru ta' rjus li aritmetikament kien jirriżulta, kieku l-483 barrin karikati kienu, minflok tal-piż ta' 365 kilò, ras ghal ras, tal-piż approssimativ ta' 250 kilò l-wiehed. Difatti, fin-nota ta' l-eccezzjonijiet fol. 9 tergo, il-konvenut nomine b'dan il-kalkolu tieghu jrid jasal li jghid li n-numru ta' barrin karikati jigi verament, meta jitqies il-piż taghhom, mhux ta' 483 ras, imma ta' 708 rjus. Hu car li din il-konvenzjoni verbali, kieku anki giet pruvata, kienet tkun inkonciljabili ma' l-iskritt u sovversiva tieghu — haga li ma tistax tigi ammessa;

Illi fuq il-pont l-iehor, cjoè l-pont (b), li l-kaptan ried jghabbi aktar irjus, sejjer jinghad 'il quddiem;

Ikkunsidrat;

Issa deher mill-provi, u, del resto, hu ovvju, illi l-kalkolu ta' £4,000 bhala "minimum freight" sar b'dan il-mod. Bil-klawsola dwar il-"cargo" l-atturi nomine obligaw ruhhom li jghabbu almenu 600 ras. Bir-rati indikati taht "Freight", in-nol jigi £4,000, cjoè fuq l-ewwel 500 ras, bis-£7 r-ras, £3,500, u £500 ohra fuq il-100 ras l-ohra bil-£5 ir-ras, biex jigi b'hekk it-total ta' 600 ras. B'hekk il-konvenut nomine kkawtela ruhu ghall-każ li l-atturi nomine ma jirnexxilhomx jippreżentaw ghall-karikazzjoni 600 ras — f'liema każ huma kienu l-istess ikollhom ihallsu l-"minimum freight" ta' £4,000. Minn naha

l-oħra, però, il-konvenut nomine kien qed jobliga ruħu li jgħabbi almenu 600 ras, jekk ikunu preżentati mill-attur nomine; għaliex diversament l-atturi kienu jkunu qegħdin jobligaw ruħhom li jħallsu £4,000 nol, u intant jesponu ruħhom għar-riskju li ma jgħabbux, minħabba l-fatt tal-konvenut nomine, tant barrin kemm ikopru n-nol. Il-konvenut nomine, fid-dikjarazzjoni tiegħu fol. 10, qal, u l-istess qal id-difensur tiegħu fid-dibattitu orali, illi l-patt tal-"minimum freight" sinifikat wieħed biss għandu, ċjoè, illi n-nol ikun mirbuħ irrispettivament mill-kwantità mgħobbija. Dan hu veru biss fis-sens illi l-"minimum freight" ikun "earned" l-istess kwante volte l-atturi nomine, għal fatt imputabili lilhom jew għal fatt li għalih għandhom jirrispondu, ma ppreżentawx għat-tagħbija aktar irjus, fil-limiti ta' 600 ras, milli l-konvenut nomine ried u seta' jgħabbi, imma ma jistax ikun veru anki fil-każ li fih l-atturi nomine riedu jgħabbu aktar biex jilħqu jew jersqu aktar lejn il-minimum ta' 600 ras, u l-konvenut nomine irrifjuta li jirċievi aktar. F'dan il-każ in-nol għandu jkun dak tar-rjus effettivament mgħobbija bir-rata miftehma. L-interpretazzjoni sostnuta mill-konvenut nomine hi kontra kull regola ta' interpretazzjoni, għaliex qiegħda tikkunsidra l-patt tal-"minimum freight" iżolatament, minflok li tqiegħdu 'n korrelazzjoni mal-kontenut l-ieħor tal-miktub, u senjatament mal-patt tal-minimum tal-"cargo", li hu patt strettament konness miegħu, tant strettament li, kif ġie rilevat, is-somma ta' £4,000 ġiet stabbilita b'kalkolu ta' 600 ras bir-rati konvenuti għan-nol;

Illi divers ikun il-każ jekk, jew l-atturi nomine ma kellhomx lest għat-tagħbija aktar barrin milli ried jew seta' jieħu l-kaptan, jew jekk, bla motiv ġust, huma ma riedux ikompliu jgħabbu aktar; din it-tieni alternativa tieħu għat-tieni pont imsemmi mill-konvenut kif fuq ingħad, illi ċjoè l-kaptan ried jgħabbi aktar fit-"tween decks" u fil-"fore ends", iżda l-atturi nomine riedu aktar spazju fuq il-gverta. Hu ċar li dan hu pont tekniku li jeħtieġ indaġini teknika. Għandu jiġi intant rilevat illi l-espert nawtiku nominat fil-kawża fl-ismijiet inversi, li qiegħda tiġi trattata kontestwalment ma' din, ma għandu ebda inkariku relativ għal din il-kawża, u kwindi hemm lok, minbarra għad-deċiżjoni fuq il-pont tal-liġi, għall-

provvediment infraskritt, sabiex tista' tiġi amplifikata 'l quddiem dik id-deċizjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi l-klawsola fuq imsemmija tal-"minimum freight" għandha tiġi nterpretata fissens illi, jekk il-bastiment ried u seta' jirċievi t-tagħbija ta' 600 ras, u l-atturi nomine ma kienux pronti jagħmlu l-karikazzjoni ta' tant, allura, ċjò non ostanti, l-atturi kienu jkunu tenuti jħallsu l-istess in-nol minimu ta' £4,000; iżda jekk ilbastiment ma riedx jew ma setax jgħabbi aktar irjus milli, minbarra l-483 fil-fatt kar'kati, l-atturi kellhom pronti għallkarikazzjoni, sa jew fil-limiti ta' 600 ras, allura għandu jitħallas biss in-nol korrispondenti għar-rjus effettivament karikati bir-rati indikati fl-iskrittura tan-noleġġ fol. 5;

L-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni jibqgħu riżervati in vista tal-provvediment li ġej;

U sabiex il-Qorti tista' tara jekk il-konvenut riedx jew setax jgħabbi aktar, u jekk l-atturi nomine rrifjutawx li jgħabbu aktar bla motiv ġust, testendi l-inkariku mogħti lill-espert nawtiku fil-kawża l-oħra, li qiegħda tiġi trattata kontestwalment, fis-sens li dan għandu jirrelata anki dwar l-aspett tekniku tal-pont imsemmi mill-konvenut nomine, illi ċjoè l-kaptan avża lill-atturi nomine li kien hemm spazju iżjed fit-'tween decks' u fil-'fore ends', iżda l-atturi riedu spazju iżjed fuq ilgverta, mentri dan (kif igħid il-konvenut nomine) kien ikun ta' dannu u ta' perikolu, u jirrelata, kif assistit min Dr. Ganado, jekk k'enx hemm dan l-ispazju offert mill-kaptan, u jekk, u kemm, barrin aktar setgħu jitgħabbew f'dak l-ispazju; u wkoll jekk kienx hemm spazju aktar fuq il-gverta, u jekk, u kemm, aktar barrin setgħu jitgħabbew fuq il-gverta, bla ħsara u bla perikolu; u jirrileva kull ċirkustanza oħra teknika li tista' tillumina lill-Qorti fil-konsiderazzjoni ta' l-inċident. L-ispejjeż ta' dan il-provvediment jibqgħu wkoll riżervati, u lkondizzjonijiet tal-provvediment jibqgħu dawk indikati fiddigriet fol. 12 fil-kawża l-oħra;

Il-kawża tibqa' rinvijata għall-udjenza tat-8 ta' Jannar 1952, għar-relazzjoni fuq l-inkariki kolliha taż-żewġ kawżi.